TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 178

KAZ NRU 249

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Lawrence Bugeja

u

Messrs N.K.T. Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 3 ta' Settembru, 1984

Chairman: Mr William Abela

Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal b'ittra ta' 22 ta' Marzu, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija.

2. STATEMENT OF CASE

Is-Sur Harold Walls, Segretarju tat-Taqsima Metal tal-G.W.U. deher ghal l-appellant, filwaqt li s-Sur Edward Carbone, Assistant General Manager, deher ghal Kumpanija.

Ghal-Appellant gie sottomess li hu kien gie mpjegat bhala storekeeper mal-kumpanija in kwistjoni qabel ma din bdiet topera, jigifieri f'Lulju, 1979 u l-istess appellant kellu sehem importanti fl-organizazzjoni ta' certi dipartimenti vitali fil-kumpanija li jinkludu stores u kontroll taghhom, id-dipartiment ta' manutenzjoni, tal-produzzjoni u esportazzjoni.

Minhabba l-abbilita u s-serjeta li waqt dan iz-zmien wera l-appellant, fis-7 ta' Jannar, 1980 dan ha promozzjoni ta' Assistant Planner. L-istess kariga Lawrence Bugeja, jigifieri l-appellant, dam jokkupha ghal tlett snin shah u dan ix-xoghol u kif kien gie esegwit, kien ghas-sodisfazzjon tas-superjuri tieghu, u dan qatt ma kien gie iccensurat ufficjalment bl-ebda mod. Skond l-appellant il-kumpanija tterminatlu l-impieg tieghu bhala assistant planner f'daqqa wahda permess ta' ittra li kienu baghtulu fit-18 ta' Novembru, 1982.

Inghad ukoll illi Lawrence Bugeja kien inghata zieda fis-salarju, ghaldaqstant huwa sostna li kieku ma qediex dmiru kif suppost din iz-zieda ma kienitx tinghatalu.

Fl-ahharnett, Bugeja qed jitlob lit-Tribunal li jinghata lura d-diferenza tas-salarju, jigifieri LM690 kif ukoll il-grad ta' Assistant Planner kif kien qabel.

Ghal-Kumpanija N.K.T. Ltd is-Sur Edward Carbone l-ewwelnett talab lil dan it-Tribunal biex ma jiehux konjizzjoni tal-kaz ghax jidhirlu li dan mhux kompetenti minhabba li Lawrence Bugeja qatt ma gie imkecci mil-kumpanija izda dan inbiddlu l-grad tax-xoghol tieghu, ghaliex il-post ta' Assistant Planner gie abolit.

Ic-Chairman ikkonsidra t-talba tal-kumpanija kif inhi mitluba u ddecieda li fil-fatt il-Qorti hija kompetenti li tkompli b'dan il-kaz minhabba li l-impieg tas-Sur Bugeja gie terminat fit-31 ta' Jannar, 1982 kif jidher minn ittra mibghuta mil-kumpanija NKT Ltd fit-18 ta' Novembru, 1982 u ppresentata mill-istess appellant bhala Dok B.

3. Matul dan il-kaz instemghu dawn ix-xhieda:-

| | | |
|---|---|---|
| Lawrence Bugeja | - | l-appellant |
| Edwin Zammit | - | Accountant |
| Charles Grech | - | fork lift driver |
| Marcel Tellus | - | sales co-ordinator |
| Edward Carbone | - | Assistant General Manager |

4. Fis-sottomissjonijiet finali min-naha ta' l-appellant jikkontendi li hu qatt ma kellu jinbidillu l-grad tax-xoghol tieghu ghaliex dan qatt ma wera nuqqasijiet kif ukoll li huwa kien inghata zieda li hu qed jikkonsidra kienet ghaliex hu kien efficjenti fix-xoghol tieghu u li ghalhekk qed jitlob lit-Tribunal sabiex dan jiddikjara li ghanda tinghata lilu d-differenza fis-salarju, jigifieri s-somma ta' LM690.

Minn naha tal-kumpanija NKT Ltd, is-Sur Carbone insista li s-Sur Bugeja ma jistax jistaqsi biex jinghata lura l-grad ta'

.../3

Assistant Planner ghax dan il-grad gie abolit mil-kumpanija u l-anqas ma jista jitlob xi 're-imbursement' tad-differenza tas-salarju li kellu bhala Assistant Planner u s-salarju li ghandu issa bhala 'General Office Clerk', minhabba li qabel kien jghamel xoghol esekuttiv u issa qed jaghmel xoghol klerikali.

5. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal

Wara li dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa d-dokumenti esebiti, kif ukoll ix-xhieda prodotta, wara li kkonsidra l-istatement of case u s-sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet it-Tribunal huwa tal-fehma li dan il-kaz inqala wara li l-kumpanija ddecidiet taghmel ri-organizzazjoni li fil-fatt kienet laqtet biss finanzjarjament lil-appellant. Apparti mil-fatt li l-maggoranza tax-xhieda prodotta ma rrizulta xejn li juri li l-appellant ma kellux il-livell mehtieg, anzi ghal kuntrarju rrizulta mill-istess xhieda li l-appellant kien dejjem qeda dmiru sew u bil-ghaqal u rrizulta ukoll li s-Sur Bugeja filwaqt li kien konvalixxenti wara operazzjonijiet li kienu sarulu l-isptar San Luqa filwaqt li dan kien id-dar, kien jaghmel xoghol li kien jintbaghat lilu mil-management id-dar u dan dejjem ghamlu bil-herqa u bil-calb.

6. DECIZJONI

Ghal ragunijiet hawn fuq imsemmija, t-Tribunal jiddeciedi li ghalkemm il-post ta' Assistant Planner ma jistax jigi mghoti lilu lura, is-Sur Lawrence Bugeja ghandu jibqa bil-paga li kellu qabel l-imsemmija ri-organizazzjoni, u b'hekk it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

E. D'Agostino

Edw D'Agostino
A/Segretarju

WILLIAM ABELA
Chairman

Data: 3 ta' Settembru, 1984

ja